# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 17 ta' Ġunju 2019**

**Numru 5**

**Rikors numru 145/19 MCH**

**Rikors numru 145/2019 fl-atti tal-mandat eżekuttiv ta' arrest ta' bċejjeċ tal-baħar numru 998/2018 fl-ismijiet:**

**Marlon Borg bħala mandatarju f'isem is-soċjetà estera *Jebmed S.r.l.***

***v.***

***M.V. Bright Star*, ġà *M.V. Trading Fabrizia* bin-numru tal-*I.M.O.* 9481960**

1. Dan huwa appell tas-soċjetà *Jebmed s.r.l.* [*Jebmed*] minn provvediment mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-14 ta' Marzu 2017 li bih intlaqgħet talba tal-bastiment *M.V. Bright Star* [il-bastiment] magħmula b'rikors tal-15 ta' Frar 2019 biex jitħassar mandat eżekuttiv maħruġ

kontra l-istess bastiment għax il-mandat kien "intempestiv" billi nieqes minn "formalità essenzjali".

2. Il-fatti relevanti għal dan l-appell huma dawn:

    i. il-bastiment (li dak iż-żmien kien jismu *M.V. Trading Fabrizia*) kien proprjetà tas-soċjetà *Capitalease S.p.A.* u kien milqut b'ipoteka navali favur *Jebmed*;

    ii. b'ittra ġudizzjarja tat-23 ta' Frar 2017 fir-reġistru tal-qorti ta' Malta *Jebmed* irrendiet l-ipoteka navali eżekwibbli kif igħid l-art. 256(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

    iii. fit-28 ta' Ġunju 2017, meta l-bastiment kien il-Ġamajka, il-qorti tal-Ġamajka, fuq talba ta' *Jebmed* u oħrajn, ordnat il-bejgħ *sub hasta* tal-bastiment;

    iv. fid-9 ta' Jannar 2018, wara l-bejgħ *sub hasta* fil-Ġamajka, il-bastment inxtara mis-soċjetà *Bluefin Marine Limited* [*Bluefin*] bil-prezz ta' għaxar miljuni u tliet mitt elf dollaru amerikan ($10,300,000);

    v. fis-16 ta' Jannar 2018 inħareġ *certificate of sale* mill-qorti tal-Ġamajka favur *Bluefin*;

    vi. fid-19 ta' Ġunju 2018 fuq talba ta' *Jebmed* u bis-saħħa tal-ipoteka navali, inħareġ mandat eżekuttiv ta' arrest ta' bċejjeċ tal-baħar fuq il-bastiment, u l-bastiment inqabad hawn Malta.

3. B'rikors tal-15 ta' Frar 2019 il-bastiment talab *inter alia* t-tħassir tal-mandat taħt l-art. 836(1)(*b*) u (*d*) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Pro-

ċedura Ċivili. L-ewwel qorti laqgħet it-talba għal raġunijiet li fissrithom hekk:

»Din it-talba għar-revoka tal-mandat eżekuttiv 998/2018 saret ftit ġranet wara li talba oħra għar-revoka tal-istess mandat ġiet miċħuda mil-Qorti tal-Appell fit-8 ta' Frar 2019. F'dan ir-rikors qed isiru sottomissjonijet b'referenza għar-revoka tal-mandat li faċilment setgħu saru fl-ewwel talba għar-revoka għax jirrigwardaw fatti li kienu ġà jirriżultaw. Hi l-fehma tal-qorti illi talba għal revoka ta' mandat ma għandhiex issir b'mod kapriċċuż jew abużiv tas-sistema ġuridika iżda għal raġunijiet li verament jindirizzaw mankanza serja li ghaliha hi meħtieġa r-revoka.

»Magħdud dan il-qort tqis li ma hemm xejn li jimpedixxi rikorrenti milli jressaq talba għal revoka ta' mandat sussegwenti għal talba oħra li ġiet miċħuda fejn iċ-ċirkostanzi jimmeritaw dan u fejn ir-raġunijiet huma differenti minn dawk ġà deċiżi preċedentement.

»… … …

»Ir-rikorrenti jsostni …illi d-debitur ma ġiex notifikat skond il-liġi biex it-titolu eżekuttiv jiġi reż esegwibbli skont l-artikolu 256(2) tal-Kap. 12. Din is-sottomissjoni qed issir peress illi wara li saret l-ittra uffiċjali fit-23 ta' Frar 2017 kontra d-debitur *Capitalease* li irrendiet l-ipoteka navali esegwibbli, il-vapur proprjetà tal-debitur inbigħ lil terzi fil-Jamaica b'*sub hasta* tal-qorti tal-Jamaica u s-sid il-ġdid *cioè Bluefin Marine Limited* ma ġiex notifikat bl-eżekuzzjoni tat-titolu eżekuttiv li kellu l-kreditur qabel inħareġ il-mandat ta' arrest tal-vapur meta dan kien Malta kif intqal wara li nbigħ b'irkant ġudizjarju fil-Jamaica. Dak li seħħ fil-fehma tal-qorti hi sitwazzjoni eċċezzjonali u anomala għall-aħħar.

»Hu indubitat illi l-ipoteka navali tikkostitwixxi titolu eżekuttiv *ai termini* tal-artikolu 42(2) tal-Kap. 234.

»L-ipoteka navali fuq il-vapur tas-soċjeta *Capitalease* f'dan il-każ ġiet kostitwita f'Malta fejn hu reġistrat il-vapur biex tkopri ftehim ta' kreditu mogħti mis-soċjetà *Jebmed* (*qua* kreditur) lis-soċjetà *Capitalease* (*qua* debitur) *ai termini* tal-artikolu 38(1) tal-Kap. 234. L-artikolu 42 imbagħad iqis is-sitwazzjoni fejn id-debitur jonqos milli jottempera ruħu mal-obbligi msemmija kemm fl-ipoteka nfisha jew l-ftehim u/jew dokumenti li għalihom hemm referenza fl-istess ipoteka. Il-liġi ssostni li, wara li d-debitur jiġi notifikat bin-nuqqas, il-kreditur fost rimedji oħra jista' jbigħ il-vapur li fuqu hi reġistrata l-ipoteka (art. 42(1)(*b*) tal-Kap. 234). F'dan il-kaħ is-soċjetà *Jebmed* intimat lis-soċjeta *Capitalease* bin-nuqqas (*default*) li irrendiet l-ipoteka navali *qua* titolu eżekuttiv esegwibbli bl-ittra uffiċjali tat-23 ta' Frar 2017.

»Dak li seħħ sussegwentement għal formalità neċessarja biex tiġi reża esegwibbli l-ipoteka navali kostitwita kontra d-debitur *Capitalease* hu illi, meta l-vapur kien fil-Jamaica, inħareġ kontrih mandat ta' arrest mis-soċjetà *Jebmed* u nbigħ b'ordni tal-qorti fil-Jamaica lil *Bluefin Marine Limited* bhala liberu u frank. Din l-istess diċitura hi wkoll użata fil-liġi Maltija fil-*proviso* tal-artikolu 37D(1) tal-Kap. 234 fejn jingħad li kemm-il darba vapur jinbigħ *sub hasta* fuq ordni tal-qorti bħala liberu u frank id-drittijiet tal-kreditur ipotekarju ma jibqgħux jiġu eserċitati fuq il-vapur iżda fuq ir-rikavat.

»Jidher li l-kreditur ipotekarju, darba li nbigħ il-vapur fil-Jamaica, ma rnexxilux isarraf il-kreditu tiegħu fuq ir-rikavat. Fil-proċeduri odjerni, ir-raġuni mhix rilevanti iżda tista' tassumi rilevanza fi proċeduri oħra, u għalhekk isostni li jibqa' japplika l-prinċipju ġenerali li ipoteka navali tibqa' marbuta mal-vapur sakemm tiġi mħallsa (art. 37D(1) tal-Kap. 234).

»Il-vapur ġie Malta u gie kolpit bil-mandat ta' arrest odjern 998/2018 in forza tat-titolu eżekuttiv (l-ipoteka navali) resa ezegwibbli bl-ittra uffiċjali tat-23 ta' Frar 2017. Din il-qorti issib illi hemm nuqqas proċedurali li jrendi dan il-mandat invalidu. Meta saret l-ittra uffiċjali fl-2017 din saret kontra d-debitur tal-obbligazzjoni li rabat il-vapur bħala garanzija għal ħlas jekk jonqos mill-jottempora ruħu mal-ftehim li bih ġiet krejata l-ipoteka.

»Jekk il-kreditur ipotekarju qed jenforza t-titolu eżekuttiv irid per forza jenforzah kontra min illum qed iqis li għadu marbut bl-istess garanzija u konsegwentement dak akkollat bid-debitu li in forza tiegħu inħarġet l-ipoteka navali. La darba l-istess kreditur isostni li l-ipoteka navali, la darba għadha mhix sodisfatta bil-hlas tal-kreditu dovut lilu, għadha sħiħa u mhix mittiefsa u jista' jinforzaha kontra min illum hu s-sid tal-vapur, li però jrid jingħad xtrah liberu u frank *sub hasta* fuq ordni tal-qorti tal-Jamaica, irid isegwi l-proċedura idoneja biex irendi esegwibbli l-ipoteka navali kontra dak li illum qed isostni hu responabbli għal ħlas *cioè Bluefin Marine Limited* peress li l-ħlas tal-kreditu in prattika qed jintalab mingħand din is-soċjetà permezz tal-vapur proprjetà tagħha. Jekk xejn il-prinċipju tal-ġustizzja naturali jesiġi li l-istess soċjetà tiġi notifikata bl-ittra uffiċjali aitermini tal-artikolu 256 biex ikollha l-opportunità tirregola ruhha. Il-qorti tiehu spunt minn dak li kiteb il-Professur J.M. Ganado fl-artikolu tiegħu *Jurisdiction and Actions by Mortgagees* (*Id-Dritt* 1977) li għalkemm kien qed jitkellem fuq azzjonijiet *in rem* però l-qorti tqis hu applikabbli anki fi proċeduri ta' mandat kontra r-*res cioè* l-vapur. Hu qal hekk:

> »"The majority of actions *in rem* are meant for the enforcement of obligations and according to the traditional classification of actions are in fact personal actions"

»u dan għaliex għalkemm il-proċedura *in rem*

> »"… is a proceeding against a *res*, the purport of the proceeding is largely percieved as a procedural device by which to coerce a *res* owner to enter an appearance to an action, as a means of providing security in respect of the claim advanced"

»u li din azzjoni

> "… was not based upon the wrongdoing of the ship personified as an offender, but as a means of bringing the owner of the ship to meet his personal liability by seizing his property."

»Il-kamp marittimu għandu jkollu ċ-ċertezza sostanzjali u proċedurali biex ma jkunx hemm sitwazzjonijiet li jipperikolaw l-kummerċ marittimu speċjalment dak Malti li hu rinomat għall-effiċjenza u ċertezza ta' dritt li jipprovdi.

»Il-qorti għalhekk tqis li l-mandat mitlub u maħruġ mis-soċjetà *Jebmed* kien intempestiv billi hemm nuqqas proċedurali fis-sens illi l-ittra uffiċjali biex tirrendi l-ipoteka navali ezegwibbli kienet nieqsa mill-formalità essenzjali rikjesta *cioè* li jiġi notifikat sid-il-bastiment *qua* dak

> responabbli għal ħlas tal-kreditu dovut lil *Jebmed* kopert bl-ipoteka navali marbuta mal-vapur, illum proprjetà ta' *Bluefin Marine Limited*.
>
> »Għal dawn ir-ragunijiet il-qorti tilqa' it-talba ta' *MV Brigħt Star* u tirrevoka l-mandat ta' arrest ezekuttiv 998/2018, spejjeż għas-soċjetà *Jebmed s.r.l.*«

4. *Jebmed* ressqet appell minn dan il-provvediment b'rikors tal-20 ta' Marzu 2019 li għalih il-bastiment wieġeb fil-5 ta' April 2019.

5. Qabel xejn, biex jitneħħa kull ekwivoku li seta' nħoloq bil-kumment tal-ewwel qorti dwar l-eżekuzzjoni ta' ipoteka navali fuq bastiment li kien inbigħ *sub hasta* "liberu u frank", il-qorti tirreferi għall-provvediment mogħti fit-8 ta' Frar 2019 *in re* Marlon Borg *nomine v. M.V. Bright Star* (rik. 653/2018) fejn huma mfissra r-raġunijiet għala l-ipoteka navali baqgħet tolqot il-bastiment ukoll wara li nbigħ b'irkant ġudizzjarju.

6. Ngħaddu issa għall-meritu tal-appell tallum. Essenzjalment il-kwistjoni hi jekk l-ittra ġudizzjarja tat-23 ta' Frar 2017 mibgħuta minn *Jebmed* "lis-soċjetà taljana *Capitalease s.p.a.* … proprjetarja tal-bastiment *Trading Fabrizia* …" hijiex biżżejjed biex tirrendi l-ipoteka navali eżekwibbli wkoll illum illi l-bastiment ma għadux proprjetà ta' *Capitalease* iżda ta' *Bluefin*.

7. L-ewwel aggravji tal-appell huwa dwar eċċezzjoni preliminari, fis-sens illi, ladarba, qabel ir-rikors tal-15 ta' Frar 2019 li dwaru ngħata l-provvediment appellat, kien ġà sar u ġie miċħud rikors ieħor[1] għat-tħassir tal-mandat, il-bastiment ma kellux jitħalla jerġa', bir-rikors tal-15 ta'Frar 2019, jagħmel l-istess talba għat-tħassir tal-istess mandat

[1] Rikors 653/2018, miċħud bil-provvediment ta' din il-qorti tat-8 ta' Frar 2019.

għal raġunijiet li, għalkemm ma ssemmewx fl-ewwel rikors, kienu ġà jeżistu meta sar dak l-ewwel rikors:

> »Fl-ewwel lok l-ewwel qorti kienet legalment u proċeduralment żbaljata meta ma laqgħetx l-ewwel eċċezzjoni tal-appellanti u *cioè* meta skartat għal kollox l-eċċezzjoni illi ma kellux jitħalla jerġa' jsir proċediment ieħor a tenur tal-artikolu 281 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan joħloq preċedent perikoluż u inċertezza dwar is-sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Appell Superjuri. … … …«

8. Tassew illi, meta parti li kontra tagħha jkun inħareġ mandat eżekuttiv jidhrilha li hemm aktar minn raġuni waħda għat-tħassir ta' dak il-mandat, għandha tressaq dawk ir-raġunijiet kollha flimkien f'rikors wieħed – kif igħid l-art. 281 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili: "persuna kontra min jinħareġ att eżekuttiv … tista' tagħmel rikors li jkun fih is-sottomissjonijiet *kollha* li tista' tkun tixtieq tagħmel" – u mhux tagħmel rikors u, wara li dak ir-rikors jiġi miċħud, tagħmel rikors ieħor għal raġuni differenti li iżda setgħet ressqitha fl-ewwel rikors. Din il-manuvra maħsuba biex iġġebbed il-proċeduri hija skorretta u sleali, partikolarment meta tqis illi daħlet il-prassi – ħażina, fil-fehma ta' din il-qorti – li rikors għat-tħassir ta' mandat iwassal għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni ta' dak il-mandat, bħallikieku rikors ta' parti għat-tħassir jiswa daqs dikriet ta' sospensjoni maħruġ mill-qorti, meta l-liġi tgħid espresament, fl-art. 276 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, illi "Ħadd ma jista' jagħmel oppożizzjoni għall-esekuzzjoni ta' mandat, ħlief wara li tkun saret l-esekuzzjoni". Fil-fehma ta' din il-qorti, l-ewwel qorti, meta qieset illi "talba għal revoka ta' mandat ma għandhiex issir b'mod kapriċċuż jew abużiv tas-sistema ġuridiku", kellha tieqaf milli tkompli tqis ir-rikors.

9. Madankollu, ladarba hemm deċiżjoni illi l-mandat kien milqut b'"nuqqas proċedurali" u għalhekk ma jiswiex, ma jkunx xieraq f'dawn iċ-ċirkostanzi li l-qorti tħassar il-provvediment appellat u hekk tħalli l-mandat fis-seħħ bla ma tqis il-meritu tat-talba għat-tħassir tiegħu.

10. Dan l-aggravju għalhekk, fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, sejjer jiġi miċħud, għalkemm l-ispejjeż relativi għandu f'kull każ iħallashom il-bastiment.

11. Essenzjalment l-argument ta' *Jebmed* fil-meritu hu illi, ladarba l-ipoteka saret eżekwibbli bl-ittra ġudizzjarja tat-23 ta' Frar 2017, baqgħet eżekwibbli għalkemm inbidel is-sid:

> »… il-leġislatur imkien fil-liġi ma pprovda, u di fatti lanqas is-sentenza tal-ewwel qorti u/jew il-bastiment appellat fis-sottomissjonijiet tiegħu ma jagħmlu xi riferenza, għal xi proċedura kkontemplata mil-liġi li s-soċjetà appellanti *qua* kreditriċi ipotekarja naqset milli ssegwi, ossija li b'xi mod u manjiera s-soċjetà appellanti kellha tagħti xi avviż ieħor mill-ġdid lil xi persuna oħra jew li addirittura terġa' tirrendi t-titolu eżekuttiv tagħha eżegwibbli għajr dak ipprovdut fl-artikolu 42 tal-Kapitolu 234 u l-artikolu 256(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.«

12. L-art. 256 (2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jrid illi qabel ma ssir l-esekuzzjoni ta' titolu li ma jkunx sentenza jew *lodo* arbitrali għandha ssir notifika ta' sejħa għall-ħlas b'att ġudizzjarju. Fil-każ tallum din is-sejħa għall-ħlas saret bl-ittra ġudizzjarja tat-23 ta' Frar 2017, notifikata lil *Capitalease*, is-sid ta' dak iż-żmien li kienet ukoll id-debitur. L-ipoteka għalhekk saret eżekwibbli jumejn wara u l-mandat seta' validament jinħareġ.

13. Barra min-notifika li jrid l-art. 256(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, l-art. 42 tal-Kap. 234 jrid ukoll illi jingħata "avviż bil-

miktub lid-debitur ipotekarju", u l-art. 388D tal-Kodiċi ta' Organizz-azzjoni u Proċedura Ċivili wkoll irid illi l-qorti "tiffissa terminu li fih id-debitur għandu jħallas". Dan it-terminu, naturalment, għandu jiġi mgħarraf lid-debitur.

14. *Jebmed* talbet il-ħruġ tal-mandat fid-19 ta' Ġunju 2019 u flimkien mat-talba għall-ħruġ tal-mandat talbet ukoll illi "l-qorti tiffissa terminu illi fih l-intimat għandu jħallas l-ammont dovut", kif irid l-art. 388D. It-talba ntlaqgħet u d-dikriet illi iffissa t-terminu ta' jumejn inħareġ u ġie notifikat lill-kaptan tal-bastiment fid-19 ta' Ġunju 2019 stess. Kif igħid il-bastiment stess fit-tweġiba tiegħu, il-ħtieġa għal dan hija "sabiex min ikun qed jintalab iħallas jkollu ċans li jħallas l-ammont minnu pretiż qabel ma l-mandat jiġi eżekwit". In-notifika saret u żmien għal ħlas ingħata, iżda xorta sallum il-ħlas għadu ma sarx, u għalhekk ftit jibqa' kredibbli l-argument tal-bastiment fit-tweġiba tiegħu imsejjes fuq il-"ġustizzja naturali"

15. Inċidentalment għandu jingħad ukoll illi r-rikors tal-15 ta' Frar 2019, li fuqu ngħata l-provvediment appellat, sar mhux minn *Bluefin*, is-sid il-ġdid, iżda mill-"bastiment intimat *M.V. Bright Star*". Dan ifisser illi, għalkemm ir-raġuni għala l-ewwel qorti ħassret il-mandat kienet in-nuqqas ta' sejħa lil *Bluefin* għall-ħlas, *Bluefin*, il-persuna li għandha interess tressaq dan in-nuqqas, ma hijiex – għall-inqas formalment – parti f'dawn il-proċeduri. Ir-rikors sar f'isem il-bastiment u mhux f'isem is-sid – għalkemm l-argumenti li tressqu huma fl-interess tas-sid, mhux tal-bastiment – għax il-mandat kien inħareġ kontra l-bastiment u

mhux kontra s-sid. Tassew, ma seta' jinħareġ ebda mandat kontra *Bluefin*, kemm għax *Bluefin* ma hijiex debitriċi personalment iżda biss *propter rem,* u kemm għax dan il-mandat partikolari jista' jinħareġ biss kontra biċċa tal-baħar.

16. Għandu jingħad ukoll illi ftit li xejn għandu relevanza l-każ ta' *M.V. Poker* [2] imsemmi mill-bastiment fit-tweġiba tiegħu. F'dak il-każ l-argument kien li l-bastiment ma kienx debitur, li ma huwiex il-każ illum għax il-bastiment kien u għadu milqut b'ipoteka navali.

17. Bla ħsara għal dan kollu, għandu jingħad ukoll illi jekk tassew kien hemm ħtieġa ta' sejħa għall-ħlas mill-ġdid lil *Bluefin* taħt l-art. 256(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, din is-sejħa saret bin-notifika tal-protest ġudizzjarju numru 122/2019 tat-18 ta' Marzu 2019, notifikat kemm lil *Bluefin* u kemm lil *Capitalease*, kif ukoll lill-bastiment innifsu.. Għalhekk jekk tassew kien hemm nuqqas billi ma saritx is-sejħa taħt l-art. 256(2) dan in-nuqqas ġie sanat fi żmien utli ladarba l-esekuzzjoni sħiħa tal-ipoteka navali għadha ma seħħitx, għax *Jebmed*, il-kreditriċi, għadha sallum mhix imħallsa.

18. Fl-aħħarnett, il-bastiment fit-tweġiba tiegħu jgħid illi l-ewwel qorti kien imissha ħassret il-mandat ukoll għax fuqu ma ġietx indikata s-somma dovuta. L-ewwel qorti qieset dan l-argument tal-bastiment u ċaħditu u, ladarba ma sarx appell inċidentali minn din id-deċiżjoni tal-ewwel qorti, għax il-bastiment talab il-konferma mhux ir-riforma tal-provvedi-ment, id-deċiżjoni saret finali din il-qorti ma tistax tqisha f'dan l-istadju.

[2] Av. Max Ganado *noe v.* Kaptan Sebastiano Pizzimenti *noe*, App. 30 ta' Novembru 2007.

19. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tilqa' l-appell, tħassar il-provvediment li minnu sar l-appell u tiċħad it-talbiet magħmula bir-rikors tal-15 ta' Frar 2019.

20. L-ispejjeż, kemm tal-ewwel grad u kemm tal-appell, iħallashom il-bastiment.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
mb